KLR 5/VIII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 4 t' Ottubru 2019 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, Michel Buttigieg, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Joseph Debrincat.

**5.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**5.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijet numri 1 u 2 ġew imressqa mill-Kunsillier Michel Buttigieg u ssekondati mis-Sindku u mill-membru Tabone, rispettivament.

**Mozzjoni Numru 1**

**Qed nitlob sabiex it-Telgħa ta' Majru almenu titqaxxar u ssirilha kisja tarmak għax qedgħa fi stat ħażin ħafna.**

Il-membri qablu li l-Perit iħejji stima u l-*Bill of Quantity* sabiex tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti.

**Mozzjoni Numru 2**

**Fi Triq Patri Anton Debono għad hemm parti żgħira mit-triq li qedgħa mingħajr tarmak u li ilha snin twal hekk . Qed nitlob biex din il-parti tinkesa bit-tarmak.**

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jivverifika r-raġuni għalfejn din il-parti qatt ma nksiet bit-tarmak u jara jekk hemmx xi problemi fuq espropjazzjoni.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li filgħodu saret laqgħa mal-President tar-Reġjun Għawdex, l-Av. Samuel Azzopardi u s-Segretarju Eżekuttiv George Refalo, fir-rigward tal-proposata tar-Rabat, Belt Kapitali Ewropea 2031. Ġie maqbul li tinkiteb ittra konġunta mill-Kunsill u r-Reġjun fejn titressaq din il-proposta quddiem il-Minsitru għal Għawdex u l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

5.3.2 Is-Sindku nnota wkoll il-laqġħa li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019 fejn ġew mistiedna r-residenti Rabtin sabiex iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom. Wara l-Kunsill għandu jipprepara l-Pjan ta' Ħidma tiegħu.

5.3.2 Dwar it-tarmak fi Triq Ġorġ Pisani s-Sindku qal li biex isir culvert għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita il-Kunsill irid jidentifika s-sidien tal-egħlieqi minn fejn irid jgħaddi l-*culvert* u dawn iridu jaċċettaw. Il-membri qablu li l-Kunsill irid jibda minn x'imkien.

5.3.4 Rigward Pjazza Santu Wistin, is-Sindku tenna li l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) ġie rifjutat minħabba li l-PA talbuna l-*clearance* mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) u ma kienx hemm żmien biżżejjed sabiex tinġab din il-*clearance*. Il-membri qablu li jintbagħtu d-dokumenti li ntalbu mill-SHC u wara il-Kunsill jerġa japplika mal-PA.

5.3.5 Dwar il-latrini ta' Triq Enriko Mizzi, is-Sindku tenna li talab lid-Direttur Eko-Għawdex sabiex jikkunsidraw li dawn jitranġaw mill-qiegħ mal-proġett li qed isir fi Pjazza San Franġisk. Dan wara li nżammet mag]luqa għal xi żmien minħabba ħsarat li ġew ikkawżati waqt ix-xogħol li qed isir fil-pjazza. Il-membri qablu wkoll li l-Kunsill jinsisti mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jgħati *facelift* lill-latrina ta' Triq taħt Putirjal.

5.3.6 Dwar il-wirja ta' presepji f'Nichelino, il-membri ġew mgħarrrfa li John M. Cassar wera nteress li jesebixxi l-presepju tiegħu. Is-Sindku u membru tal-Kunsill għandhom jitilgħu bħala delegazzjoni.

## 5.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

5.4.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2018. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jiltaqqħu mad-Direttur f'dan ir-rigward. Wieħed irid jinnota li l-iżbilanċ fis-sena 2017 kien €579,556 u fl-2018 tnaqqas għall-€332,148. Il-Kunsill għadu jinsisiti li mill-€371,181 mill-proġett tal-PPP, €43,988 biss għandhom ikunu klassifikati bħala *current liability* u l-bqija bħala *non-current liability*. Dan għandu jtejjeb il-likwidita tal-Kunsill b'€ 260,000;

5.4.2 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward d-dekasteri tal-Kunsilliera fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li dekasteru ma jistax ikollu żewġ membri responsabbli minnu. Tqajjem il-punt fejn fl-A.L. hemm imniżżel hekk:-" Kunsiller jiġi assenjat lilu waħda mir-responsabbilitajiet elenkati fl-Erbatax-il Skeda...." Il-Kunsill ser jistaqsi jekk din tfissirx li membru jista' jkollu repsonsabilita' waħda biss minn dawk elenkati.

5.4.2 il-Kumitat Olimpiku Malti rigward l-*MOPC Sports Awards* għall-Kunsilli Lokali;

5.4.4 l-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza rigward il-'Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2019';

5.4.5 l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward PA/01423/19 fejn l-applikant resaq Appell Numru 305/19. L-applikant qed jitlob sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet fuq is-saqaf tal-latrina tal-irġiel fi Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill hu reġistrat bħala parti interessata (*third party*). L-Avukat tal-Kunsill ser titkellem għan-nom tal-Kunsill;

5.4.6 l-PA rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill PA/09292/18, biex tinbidel l-*area* tat-tqegħid ta' mewejjed u siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. L-PA irrifjutat din it-talba;

5.4.7 il-'Gozo Action Group Foundation' (GAGF) rigward it-tnhedija tal-Miżura GAG4 – *Rejuvenating Gozo;*

5.4.8 Kenneth Rapa li talab li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Wied is-Seqer. Il-membri qablu;

5.4.9 Chris Borg li talab li jitranġa l-konkos miksur li għandu mir-rampa tiegħu għal mat-tirq fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex. Din il-parti hi miksura u Borg ma jistax idaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx. Il-membri qablu li titranġa;

5.4.10 Angelo Bartolo fejn qed jitlob kumpens mill-Kunsill ta' €1364.86 għax qal li ħabat ma ħajt minħabba li kien hemm ġebla fit-triq. L-Avukat tal-Kunsill għandha tirrispondi l-ittra;

5.4.11 is-Segretarju Eżekuttiv li resqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 90 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2020. Dan għandu jiġi approvat ukoll mid-Direttur fid-Dipartiment għal-Gvern Lokali;

5.4.12 l-iskirvani fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-kunsill approva t'trasferiment tal-*vacation leave* li baqalhom mis-sena 2019 għas-sena 2020;

5.4.13 Joebert Galea, *Assistant Principal* fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fejn aċċetta n-nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 5.5 Immaniġjar tat-traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

5.5.1 *one metre double yellow lines* mal-garaxx ta' 'Sliem Għalik', Triq il-31 ta; Marzu 1979;
5.5.2 *1.5m keep clear* quddiem in-numru 3, Triq Dun Pawl Micallef;
5.5.3 *1.5m keep clear* quddiem bieb ta' wara ta' residenza fi Triq Palma;
5.5.4 *un/loading bay* quddiem 'Ta' Sika', Triq Fortunato Mizzi;
5.5.5 *railing* mal-bankina li hi għan-niżla fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace kantuniera ma Triq Ġorġ Borg Olivier;
5.5.6 *communal un/laoding bay* fil-bidu ta' Triq Santa Dminka.

5.5.7 TM ma ħarġitx permess għall-*1.5m keep clear* quddiem 36, Triq San Duminku.

TM għarrfet lill-Kunsill rigward:-

5.5.8 il-bdil tat-tabelli li hemm quddiem il-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza. Dawn inbiddlu minn TM u l-iskop tat-tabella huwa l-istess bħal dak li kien hemm qabel bid-differenza li żdiedu l-*electric mini cabs* li għandhom l-istess użu tat-*taxis*. Il-Kunsill għandu joġġezzjona minħabba li t-tabella li hemm fil-bidu ta' Triq San Ġużepp u li tieħdok għall-Pjazza San Ġorġ inbidlet ukoll. Il-Kunsill ma jaqbilx li l-*electric mini cabs* jidħlu f'din il-pjazza. Din il-pjazza għandha tibqa pedonali b'eċċezzjoni għall-persuni b'diżabilita' u tar-residenti li jistgħu jidħlu jħottu f'kull ħin;

5.5.9 il-*parking bay* fi Pjazza Savina li hu biswit il-garaxx ta' Dun J. Mejlak. TM qed tissuġġerixxi li dan jidjieq peress li sar wiesgħa ħafna u m'hemmx wisa' biżżejjed biex tiddaħħal vettura f'dan il-garaxx. TM issuġġeriet ukoll li jsir *double yellow line* mill-garaxx sa dan il-*parking bay*;

5.9.10 il-parkeġġ ta' vetturi fuq il-bankina fi Triq Palma. Billi din il-parti tat-triq hi dejqa u anke' l-bankina hi dejqa u hu llegali li tipparkja fuq bankina, TM qed tissuġġerixxi li ssir tabella li tindika li dawn il-parkeġġi jistgħu jintużaw biss minn vetturi inqas minn 2.1m;

5.9.11 Il-Kunsill irċieva aplikazzjoni għal *un/loading bay* quddiem 'D&P Mini Market' fi Triq Santa Dminka. Il-Kunsill ser iressaq din it-talba quddiem TM u jinnota li f'din il-parti tat-triq diġa' saret *communal un/loading bay* u għalhekk ma jaqbilx li ssir *un/loading bay* oħra quddiem dan il-ħanut.

## 5.6 Piċċ tal-Boċċi – Triq it-Tabib Anton Tabone

Il-membri qablu li s-*soft areas* tal-piċċ tal-boċċi jinħartu, jinżebgħu il-bankijiet u tiżdied *floodlight*. Għandu jitmexxa wkoll il-porċess ma l-Awtorita' tal-Artijiet biex il-piċċ jitranġa skont PA 1620/13.

## 5.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar t'Ottubru 2019 skont dokument A anness.

## 5.8 Xogħlijiet oħra

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

5.8.1 ntbagħtet korrispondenza lis-sid ta' għalqa li tinsab fl-abitat fi Triq Muniċipju Ruman, sabiex itella' ħajt madwar l-għalqa tiegħu kif mitlub mill-liġi;

5.8.2 fir-rigward tal-għalqa li tinsab fi Triq il-3l ta' Marzu kantuniera ma Triq Ġużè' Cremona u għadha mingħajr il-ħajt ta' tmin filati, li fl-2009 il-MEPA kienet għamlet *enforcement notice* fuqha sabiex is-sid itella' l-ħajt madwar l-għalqa tiegħu kif mitlub mill-liġi. Dan il-ħajt għadu ma ttellax minħabba problemi ta' espropjazzoni;

5.8.3 ġiet sottomoessa l-applikazzjoni ma' l-Awtorita tal-Ippjanar fir-rigward taż-żbir tal-ewkaliptus li tinsab fil-bidu tal-Wied ta' Żejta;

5.8.4 l-Wasterve ser jibda jkollha trukk speċjalizżat biex fih jinġabar skart fosthom *polystyrene*, plastik, ħġieġ, karti, metall, żejt tat-tisjir, bozzoz u tessuti. Dan ser jibda jkun stazzjonat fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* kull l-ewwel Tnjen tax-xahar u ser jibda minn Novembru 2019;

5.8.5 l-Appell fil-Qorti tal-Maġostrati, Għawdex li l-Kunsill kellu kontra l-ARMS fir-rigward tal-kont tad-dawl tal-*Fairy Lights*, ma ġiex milqugħ. Fuq il-parir tal-Avukat il-Kunsill għandu jitħallas il-kont u jinqata' l-*metre*. L-aħħar kont hu ta' €13,878.26.

Il-membri qablu li:-

5.8.6 il-Kunsill jara jistax jorganiżża korsijiet lill-anzjani fiċ-Ċentru Rgħaj it-Tajjeb, f'taċ-Ċawla,

5.8.7 jiġi rappurtat lill-Pulizija li sidien tat-taxis qed ineħħu l-*bollards* ta' Pjazza Indipendenza u jibqgħu deħlin bil-vetturi fuq il-madum tal-pjazza;

5.8.8 l-kwotazzjoni għall-assikurazzjonijiet tal-Kunsill – VLC/06/2019 tingħata lill-'Island Insurance Brokers Ltd.' għall-prezz ta' €3737.64. Dan fuq il-parir li l-Bord t'evalwazzjoni ressaq fir-rapport tiegħu;

5.8.9 jitpoġġa *dog litter bin* fi Triq Kapuċċini fil-bidu tal-bankina fejn hemm il-ġnien tal-kunvent;

5.8.10 jiġi mixgħul id-dawl li hemm fil-*playing field* ta' Triq Taħt Putirjal mad-dawl tal-Gvern.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2019 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |